MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Appell Civili Numru. 21/2009

**Agnes u Carmel k/a Charles Mattocks**

**vs**

**KNK**

**Il-Qorti;**

Bis-sentenza taghha tat-23 ta' Ottubru 2009 din il-Qorti kienet iddeterminat l-appell lilha sottomess minn Pierre Vella Petroni, *qua* gestur tal-hanut KNK, billi laqghet l-istess biex taghti l-opportunita` lill-partijiet li jressqu x-xhieda guramentata taghhom;

Minn dak li jinzel minn din ix-xhieda kompilata mill-Assistenta Gudizzjarja, hi t-tezi tal-konjugi Mattocks illi huma kienu assikurati illi l-*air conditioner* minnhom mixtri kien tal-Klassi "A", tant li giet spedita mid-ditta l-appozita applikazzjoni lil Malta Resources Authority ghall-

otteniment ta’ *grant* fit-termini ta’ l-Avviz Legali 1026 ta’ l-2006. Ara dokument datat 4 ta’ Ottubru 2007 sottofirmat mill-partijiet a fol. 47 tal-process. Minn naha tieghu x-xhud Pierre Vella Petroni (fol. 62) jghid illi l-mudell komprat mill-konjugi Mattocks kien “E-Class” anke ghaliex, skond hu, dak iz-zmien ma kellhomx *air conditioners* tal-klassi “A”. Huwa jzid jiddikjara illi l-applikazzjoni predetta mtliet bi zball mis-*salesgirl* Bernardette Cini u biex jikkompensahom tat-*trouble* offra lix-xerrejja Mattocks *voucher* ta’ Lm25 ghall-*free service* (fol. 49/50). Jigi notat illi l-imsemmija *salesgirl* ma gietx prodotta biex tixhed;

Huwa distingwibbli illi l-lanjanza tal-konjugi Mattocks hi artikolata fl-ipotesi tal-mankanza tal-kwalita ta’ l-oggett komprat ghar-raguni li dan ma kienx hekk konformi ghall-ftehim u ma kellux allura l-karatteristika essenzjali lilhom imweghda. F’termini ta’ konsiderazzjoni civili din il-qaghda tapprossima ghal dik preskritta fl-Artikolu 1390 tal-Kapitolu 16. Mill-ottika tal-ligi dwar l-Affarijiet tal-Konsumaturi (Kapitolu 378) din l-istess qaghda ghandha r-riskontru taghha fl-Artikolu 73 ta’ dan l-Att li jipprovdi illi “l-kummercjanti ghandhom l-obbligu jikkunsinnaw lill-konsumaturi oggetti li jkunu konformi mad-deskrizzjoni u l-ispecifikazzjonijiet fil-kuntratt tal-bejgh, u skond hekk ikollhom l-obbligu li jizguraw li l-oggetti (a) ikunu konformi mad-deskrizzjoni moghtija mill-kummercjant u jkollhom il-karratteristici, il-fattizzi u l-kwalitajiet ta’ l-oggetti li l-kummercjant ikun wieghed jew ikun wera jew xort’ohra pprezenta lill-konsumatur bhala kampjun jew mudell”;

L-istess Att ikompli jipprovdi illi “in-nuqqas ta’ konformita` tesigi rimedju minghand il-kummercjant. L-ghazla tar-rimedju hi mhollija fid-disponibilita` tal-konsumatur li jista’ jaghzel <u>jew</u> li l-oggett jigi riparat jew rimpjazzat <u>jew</u> li jsir diminuzzjoni fil-prezz <u>jew</u> anke r-rexxissjoni tal-kuntrattt ghall-kaz li n-nuqqas ta’ konformita` ma jkunux “minuri u insinjifikanti”. Dan b’applikazzjoni wkoll ta’ l-Artikoli 75 u 76 ta’ l-Att”. Ara “**Paul Ellul Bonici *et* -vs- United Automobiles Ltd**”, Appell Inferjuri, 2 ta’ Ottubru, 2009 u

"**Antoinette Abela -vs- International Sales Direct**", Appell Inferjuri, 28 ta' Jannar, 2008;

Mill-punt di vista guridiku jassumi valenza notevoli u ta' l-oghla livell il-kuncett tal-"bwona fede". Kif drabi ohra osservat, "dan mhux tant ghaliex tali rekwizit hu dejjem mistenni f'rapporti *inter partes*, u ghal liema tirreferi d-disposizzjoni generali fl-Artikolu 993 Kodici Civili, daqskemm l-istess rekwizit hu wiehed baziku u centrali fl-ambitu tad-dixxiplina tal-harsien tal-konsumatur". Ara in tema l-konsiderazzjonijiet minn din il-Qorti zvolti fid-decizjoni fl-ismijiet "**Pia Grech -vs- Mondial Travel**", 7 ta' Novembru, 2008. Jikkonsegwi illi n-nozzjoni oggettiva tal-bwona fede hi parametru gudizzjali ta' verifika tal-kontroversja u metru siewi ta' gudizzju fuq il-fatti pprovati;

Fil-fattispeci, din il-Qorti ma ghandha ebda ezistazzjoni tinklina versu l-versjoni tal-konjugi Mattocks meta l-fatti attendibbli jitqeghdu fuq il-mizien tal-kredibilita`. M'hemmx dubju illi huma gew imwieghda *air conditioner* tal-Klassi "A", u mhux xi mudell iehor. Dan hu sew attestat mid-dokument a fol. 47 ghal liema saret referenza fl-esposizzjoni tal-fatti. Fiz-zgur mhix accettabbli d-dikjarazzjoni tax-xhud Vella Petroni illi l-applikazzjoni relattiva kienet ir-rizultat ta' semplici "zball" da parte tas-*salesgirl* ghax, apparti li ntwera xort'ohra mill-konjugi Mattocks, dik l-istess *salesgirl* baqghet ma gietx prodotta biex tixhed dwar il-kontrattazzjoni li saret minnha u din, allura, la zmentiet dak li xehdu l-konjugi Mattocks u wisq anqas issufragat dik id-dikjarazzjoni li verament si trattava ta' mera "zball";

Quddiem dan il-kwadru l-appellanti ma jistax ilum lil din il-Qorti jekk fuq il-kumpless tal-fatti u dik tal-bwona fede li, skond l-Att principali, tinkarna l-bazi tat-tutela tal-konsumatur, il-Qorti tippresta aktar affidabilita` lix-xhieda tal-konjugi Mattocks;

Premess dan, il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi mill-att promotur li bih il-konjugi Mattocks adew lit-Tribunal huma ma indikawx ir-rimedju aspettat minnhom. Minn naha l-ohra huwa indikattiv illi huma kienu sodisfatti bir-rimbors ta' mitejn u ghoxrin euro akkordat lilhom mill-istess Tribunal ghaliex, xort'ohra, kienu jappellaw minn dik id-decizjoni. Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi l-Qorti ma ssibx raguni biex ma tikkonfermax din is-somma bhala rifuzjoni jew riduzzjoni fil-prezz ta' l-oggett mixtri.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' t-talba tal-konjugi Mattocks u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta` KNK tirrifondilhom is-somma ta' mitejn u ghoxrin euro (€220), bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` u b'dan ukoll illi l-*air conditioner* jibqa' proprjeta` ta' l-istess Mattocks.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------